MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

**MAGISTRAT DR. JOSETTE DEMICOLI**

Seduta tal-15 ta' Marzu, 2013

Citazzjoni Numru. 62/2012

**Paul u Doreen konjugi Tabone**

**Vs**

**Lawrence Vella**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors guramentat li jaqra hekk:

1. Illi permezz ta’ kuntratt pubbliku in atti tan-Nutar Dottor Enzo Refalo tal-ghaxra (10) ta’ Gunju, tas-sena elfejn u ghaxra (2010) b’titolu ta’ permuta l-atturi akkwistaw minghand Paul u Josephine konjugi Grima porzjon diviza mill-art imsejha ‘Ta’ Kanalijiet’ limiti ta’ Kercem, tal-kejl ta’ cirka mija u disgha u sittin punt erbgha metri kwadri (169.4m.k.) konfinanti nofsinhar ma’ beni tal-istess konjugi Grima, lvant u tramuntana ma’ beni tal-istess

rikorrenti, liema kuntratt jinsab hawn anness u mmarkat bhala Dok. A;

2. Illi l-proprjeta' hekk kif deskritta hija mmarkata bl-ittri 'A' u 'B' fuq il-pjanta u site-plan annessa ta' permuta mmarkata bhala Dok. A u qeghdha tigi hawn annessa u mmarkata bhala Dok.B;

3. Illi eventwalment meta r-rikorrenti gew sabiex jirregistraw l-art taghhom mar-Registru tal-Artijiet irrizulta illi kien hemm xi overlap u li l-pjanta li ntuzat fl-att tal-akkwist ma kinitx korretta;

4. Illi permezz ta' att korrettorju bejn l-atturi u l-konjugi Grima tat-tnejn u ghoxrin (22) ta' Gunju tas-sena elfejn u hdax (2011) in atti tan-Nutar Dottor Enzo Refalo, l-art giet ikkoreguta sabiex tirrifletti l-art li effettivament akkwistaw ir-rikorrenti u cioe' porzjon diviza mill-art imsejha 'Ta' Kanalijiet', limiti ta' Kercem, tal-kejl ta' cirka mija u disghin metru kwadru (190 m.k.) konfinanti nofsinhar ma' beni tal-assenjanti konjugi Grima, lvant u tramuntana ma' beni tar-rikorrenti, liema att korrettorju jinsab hawn anness u mmarkat bhala Dok. C;

5. Illi l-proprjeta' hekk kif korretta hija mmarkata bl-ittri 'A' u 'B' fuq il-pjanta u site-plan annessa mal-att korrettorju mmarkata bhala Dok. B u qeghdha tigi hawn annessa u mmarkata bhala Dok. D;

6. Illi l-proprjeta' mertu tal-kawza kienet ilha snin twal fil-pussess tal-konjugi Grima qabel ma' dawn ittrasferewha lill-atturi;

7. Illi jirrizulta illi l-konjugi Grima akkwistaw il-proprjeta' mertu tal-kawza permezz ta' kuntratt pubbliku fl-atti tan-Nutar Dottor Michael Refalo tat-tnax (12) ta' Frar tas-sena elfejn u disgha (2009), kopja ta' liema kuntratt qeghdha tigi hawn anness u mmarkat bhala Dok. E;

8. Illi barra minn hekk l-art mertu tal-kawza giet registrata mar-Registru tal-Artijiet a bazi tal-kuntratt ta' divizjoni tal-erbgha u ghoxrin (24) ta' Ottubru tas-sena elf disa' mija u

hamsa u tmenin (1985) liema kuntratt qed jigi hawn anness u mmarkat bhala Dok. F;

9. Illi eventwalment kien inhareg titolu assolut mir-Registru tal-Artijiet fuq l-imsemmija proprjeta' datat tlettax (13) ta' Marzu tas-sena elf disa' mija u sitta u tmenin (1986), liema certifikat ta' l-art qed jigi hawn anness u mmarkat bhala Dok. G;

10. Illi t-trasferimenti relattivi ghall-art in kwistjoni gew debitament registrati mar-Registru tal-Artijiet – kopja ta' dan ic-certifikat qed tigi hawn annessa u mmarkata bhala Dok. H;

11. Illi minn meta akkwistaw il-proprjeta' hawn fuq imsemmija r-rikorrenti dejjem ippussessaw l-art bhala sidien u dan minghajr qatt ma kellhom tfixkil minghand terzi persuni;

12. Illi rrizulta illi f'dawn l-ahhar gimghat il-konvenut ippretenda illi ghandu xi drittijiet fuq l-art in kwistjoni u infatti dahal fil-proprjeta' tar-rikorrenti u beda jibni hitan tas-sejjieh fl-istess proprjeta' u dan minghajr ebda forma ta' awtorizzazzjoni da parti tar-rikorrenti, liema xoghol jidher mir-ritratti hawn annessi u mmarkati Dok. I u J;

13. Illi r-rikorrenti ntavolaw Mandat ta' Inibizzjoni Numru 29/2012 fl-ismijiet premessi kontra Lawrence Vella sabiex izommuh milli jkompli jibni hitan tas-sejjieh fil-proprjeta' taghhom, liema mandat gie akkordat b'digriet ta' din l-Onorabbli Qorti u dan ir-rikors qieghed jigi pprezentat anki in sostenn ta' dan il-mandat;

L-atturi talbu ghalhekk lil din il-Qorti joghgobha:

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi l-art imsejha 'Ta' Kanakijiet' hekk kif akkwistata permezz ta' kuntratt tal-ghaxra (10) ta' Gunju tas-sena elfejn u ghaxra (2010) kif sussegwentement korretta permezz ta' kuntratt tat-tnejn u ghoxrin (22) ta' Gunju tas-sena elfejn u hdax (2011) hija proprjeta' tar-rikorrenti;

2. Tiddikjara u tiddeciedi illi l-konvenut agixxa b'mod abbuziv meta dahal fil-proprjeta' tar-rikorrenti u bena hajt tas-sejjieh fl-istess proprjeta' minghajr ebda awtorizzazzjoni mill-atturi sidien tal-proprjeta' imsemmija;

3. Tikkundanna lill-konvenut sabiex fi zmien qasir u perentorju li jigi prefiss lilu jirripristina l-art in kwistjoni fl-istat originali taghha u jnehhi kwalunkwe bini u materjal hekk mibni jew mitfugh b'mod abbuziv;

4. Illi fin-nuqqas tawtorizza lir-rikorrenti sabiex inehhu l-bini u materjal abbuziv bi spejjez tal-istess konvenuti.

Bl-ispejjez, inkluz dawk tal-Mandat ta' Inibizzjoni Numru 29/2012 u bl-ingunzjoni tal-konvenuti ghas-subizzjoni li ghaliha minn issa jinsab imharrek u b'riserva ghal kwalunkwe azzjoni ta' danni spettanti lir-rikorrenti.

Illi l-konvenut fir-risposta guramentata tieghu eccepixxa illi:
1. Illi preliminarjament din ic-citazzjoni hija rrita u nulla minhabba kumulu ta' azzjoni possessorja ma' dik petitorja billi l-atturi qeghdin fl-istess azzjoni (i) jagixxu b'talba possessorja sabiex jottjenu r-ripristanar ta' l-art in kwistjoni, u li li jigi dikjarat li l-agir ta' l-esponenti huwa abbuziv; u (ii) fl-istess waqt qeghdin jagixxu sabiex isostnu d-drittijiet taghhom ta' allegata propjeta' ta' l-istess art in sostenn tal-mandat numru 29/2012 imsemmi fir-rikors guramentat;

2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, sabiex jirnexxu fl-azzjoni taghhom, l-atturi jridu jippruvaw titolu originali u assolut fuq din l-art in kwistjoni u din il-prova ghandha ssir minghajr ebda dubju. In fatti, l-esponenti qed jikkontesta l-allegazzjoni li l-atturi huma l-proprjetarji ta' din l-art in kwistjoni ghaliex l-atturi ma ghandhom ebda titlu fuq l-art de quo agitur.

3. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-esponenti jikkontesta l-allegazzjoni li l-atturi u qabilhom il-konjugi Grima kellhom il-pussess ta' l-intier ta' din l-art in kwistjoni

u dana ghaliex il-pussess ta' parti minn din l-art ilu f'idejn l-esponenti u qablu f'idejn l-antenati tieghu ghal bosta snin.

4. Illi in oltre, parti minn din l-istess art mertu ta' din il-kawza sservi bhala access ghar-raba' li ghandu fil-pussess tieghu l-esponenti, liema raba' tinkludi parti mill-art mertu ta' din il-kawza kif ukoll art ohra li tigi adjacenti ghall-istess art mertu ta' din il-kawza kif ukoll art ohra li tigi adjacenti ghall-istess art mertu ta' din il-kawza. Huwa evidenti fuq il-post kif parti minn din l-art tikkonsisti fi triq, hija asfaltata u sservi ta' access ghar-raba' ta' l-esponenti u anki dik li tinsab iktar 'il gew minnha.

5. Illi ghalhekk it-talbiet attrici huma nfondati fid-dritt u fil-fatt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kollha kontra l-istess atturi.

Salvi u mpregudikati eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.

Rat in-nota ta' osservazzjonijiet tal-partijiet.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza.

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza in parte ghas-seduta tallum.

**Kunsiderazzjonijiet**

Illi din is-sentenza titratta biss l-ewwel eccezzjoni mressqa mill-konvenut li permezz taghha eccepixxa l-irritwalita' u n-nullita' tar-rikors guramentat odjern minhabba kumulu ta' azzjoni possessorja ma' dik petitorja billi, skont huwa, l-atturi qeghdin fl-istess azzjoni (i) jagixxu b'talba possessorja sabiex jottjenu r-ripristanar ta' l-art in kwistjoni, u li jigi dikjarat li l-agir ta' l-esponenti huwa abbuziv; u (ii) fl-istess waqt qeghdin jagixxu sabiex isostnu d-drittijiet taghhom ta' allegata proprjeta' ta' l-istess art in sostenn tal-mandat numru 29/2012 imsemmi fir-rikors guramentat.

Fin-nota ta’ sottomissjonijiet tieghu l-konvenut isostni li l-azzjoni odjerna hija wahda possessorja peress li l-iskop ta’ l-azzjoni huwa ghal ripristinar. Min-naha l-ohra huwa jsostni li l-bazi tal-mandat ta’ inibizzjoni ntavolat mill-atturi gie bbazat fuq jeddijiet ta’ proprjeta’ pretizi mill-atturi stante li fih sostnew li huma proprjetarji u mhux pussessuri. Ghaldaqstant qed isostni li bil-proceduri li gew inizjati tal-mandat ta’ inibizzjoni fihom kumulu tal-petitorju (il-mandat ta’ inibizzjoni) mal-possessorju (l-azzjoni ghal ripristinar)

Aktar ‘l isfel fl-istess nota l-konvenut isostni li mill-premessi tar-rikors guramentat jirrizulta li hemm premessi li huma marbuta ma’ l-allegat dritt ta’ proprjeta’ mentri hemm ohrajn marbuta mal-pussess. Meta mbaghad jigu evalwati t-talbiet ta’ l-atturi filwaqt li l-ewwel talba hija bbazata fuq allegazzjoni ta’ titolu, it-tielet talba hija bbazata fuq talba ghal ripristinar u spurgar ta’ l-allegat att ta’ spoll jew molestja.

Illi l-atturi fin-nota ta’ sottomissjonijiet taghhom isostnu li tali eccezzjoni ghandha tigi michuda u dan peress li t-talbiet tal-atturi huma kollha kumplimentari u relattivi ghal xulxin u m’hemm l-ebda kontradizzjoni bejn wahda u l-ohra u fi kwalunkwe kaz ma nholoq l-ebda pregudizzju ghall-konvenut li fehem tajjeb x’inhuma l-pretensjonijiet tal-atturi u gharaf jiddefendi ruhu tajjeb.

Hekk kif inghad fis-sentenza **Godwin Azzopardi vs Paul Azzopardi**[1]

“*Huwa principju generali bil-wisq notorju illi n-natura u l-indoli ta' l-azzjoni ghandhom jigu dezunti mit-termini ta' l-att li bih jinbdew il-proceduri. Il-'kawza' ta' domanda hija r-raguni guridika taghha, ossija l-fundamentum agendi taghha (Vol. XI p 401). Din il-kawza, li hija l-origini tad-domanda, tiddistingwi ruhha mill-oggett tac-citazzjoni, li huwa "cio` che e` attualmente domandato" (Vol. X p 926)*”.

[1] Prim’Awla tal-Qorti Civili deciza mill-Imhallef Philip Sciberras deciza fil-31 ta’ Jannar 2003

Illi hekk kif gie ritenut fis-sentenza fl-ismijiet **Manuel Schembri vs France Cutajar**[2] huwa principju stabbilit illi t-tifsir car u sewwa tal-oggett tal-kawza u tat-talbiet skond id-disposizzjonijiet tal-artikolu 156 tal-Kap 12 ghandhom jirrizultaw mill-istess att tac-citazzjoni nnifsu u mhux minn *"xi kjarifika li tista' issir dwarhom matul it-trattazzjoni"*[3]. Dik il-Qorti kompliet:

*'Illi dan l-ezercizzju ghandu wkoll jigi ezaminat fid-dawl tal-massima ormai llum addottata mill-Qrati taghna illi "il-formalizmu esagerat ukoll ilu hafna li gie mnaqqas u limitat li bir-ragun, il-ligi qed tkun aktar u aktar inklinata li tkompli tillimita l-formalizmu u n-nullitajiet tal-forom li jnutruh* ***("Charles Fino vs Alfred Fabbri noe"*** *- A.C. 28 ta' Frar 1997;* ***"Guillaumier Industries Limited vs Reginald Fava et" -*** *P.A. (R.C.P.) 28 ta' Ottubru 1998;* ***"Sav. Falzon vs Chairman tal-Awtorita' tal-Ippjanar" -*** *A.C. 31 ta' Mejju 1996).*

*Illi f'dan il-kuntest huwa sintomatiku li a bazi ta' dak li ntqal fis-sentenza* ***"Michael Attard nomine vs Raymond Galea"*** *(A.C. 12 ta' Mejju 1998) dwar kawzali distinti minn xulxin, u applikati dawn il-principji ghall-kaz de quo, l-attur m'ghandux l-ewwel fil-premessi jitkellem dwar titolu u pussess, u mbaghad fit-talbiet jghaqqad kollox flimkien, b'mod li f'din l-azzjoni sar kollox neboluz jekk l-azzjoni hija bbazata fuq titolu jew biss fuq pussess jew detenzjoni.*

*Illi tali konfuzjoni ma ghandhiex issir ghaliex dan ma huwiex tollerat skond l-****artikolu 156 (1) tal-Kap 12,*** *billi dan la jkun gust mal-kontro-parti li trid tkun f'qaghda li tiddefendi ruhha, u di piu' tpoggi lill-gudikant f'sitwazzjoni ta' ncertezza dwar l-indoli veru tal-procedura li jrid jiddeciedi dwarha. Dan huwa konfermat bis-sentenza* ***"Joseph Tabone vs Joseph Flavia"*** *(A.C. 7 ta' Marzu 1958 - XLII.i.86) fejn inghad li huwa dejjem necessarju li c-citazzjoni ghandu jkollha tifsira cara tal-oggett u r-raguni tat-talba u "dan huwa dejjem necessarju biex il-konvenut*

---

[2] Cit Nru: 479/95RCP deciza fit-30 ta' Jannar, 2001

[3] **Raymond Bezzina vs Anthony Galea** deciza mill-Qorti ta' l-Appell fit-30 ta' Marzu 1998

*ikun jaf minnufih u b'certezza dak li ghandu jiddefendi ruhhu minnu….".*

Imbaghad fil-kawza fl-ismijiet **Giuseppe Debattista vs Giuseppe Massa**[4] "kif osservat il-Qorti ta' Firenze fis-sentenza taghha tas-16 ta' Dicembru 1869 (Fadda, Comm. Art. 694, para 1443), "*se un giudizio petitorio o possessorio si desume dall'atto di citazione o dalla prima difesa del convenuto"; Illi l-Qorti ta' Torin (idem para 1394) osservat illi 'per distinguere l'azione possessoria dalla petitoria devonsi ritenere questi criteri: o la domanda si appoggia esclusivamente sul possesso come fatto, e l'attore allegando questo fatto chiede di essere mantenuto o reintegrato nel suo possesso, e allora l'azione e' possessoria; o la domanda ha per fondamento l'offesa del diritto piu' o meno di proprieta`, e allora l'azione istituita e' una azione petitoria*".

Fil-kawza **Carlo Pace vs Giuseppe Riccardo Bugeja**[5] ikkonfermat li "*il-kriterju biex tingharaf azzjoni wahda mill-ohra, huwa l-iskop ta' l-azzjoni; jekk id-domanda tkun pogguta eskluzivament fuq il-pussess bhala fatt u tigi mitluba l-manutenzjoni jew reintegrazzjoni f'dak il-pussess, allura l-azzjoni hija possessorja; jekk id-domanda hija fondata fuq l-offiza tal-proprjeta`, alllura l-azzjoni hija petitorja*".

Fil-kawza **Generoso Cutajar vs Emmanuele Cutajar**[6] il-Qorti wkoll kellha quddiemha kawza li dwarha riedet tiddeciedi jekk kinitx wahda ta' natura possessorja jew petitorja. Inghad li l-azzjonijiet possessorji, fosthom l-azzjoni ta' spoll, ghandhom bhala fondament taghhom il-pussess, ta' kwalunkwe xorta, u bhala objettiv taghhom it-tutela ta' dak il-pussess; mentri l-fondament guridiku ta' l-azzjoni petitorja huwa d-dritt, u l-iskop taghha huwa r-rikonoxximent u t-tutela ta' dak id-dritt. F'din l-istess sentenza l-Qorti tenniet li biex tigi ffissata n-natura vera ta' l-azzjoni li tigi ezercitata, wiehed irid ihares mhux tant lejn il-kliem, kemm lejn dak li sostanzjalment ikun gie mitlob

[4] Prim'Awla tal-Qorti Civili deciza fil-25 ta' Gunju 1935
[5] Prim'Awla tal-Qorti Civili per Imhallef William Harding deciza fl-1 ta' Ottubru, 1935
[6] Prim'Awla tal-Qorti Civili per Imhallef A. Magri deciza fit-22 ta' Ottubru, 1953

fic-citazzjoni, jigifieri l-fondament u l-oggett tal-pretensjoni fiha dedotta. Fil-kaz quddiemha l-Qorti kienet ikkonkludiet li l-azzjoni promossa kienet wahda petitorja u dan peress li kienet tippredomina l-idea ta' proprjeta'.

Illi stabbilit lejn x'tip ta' ezami jehtieg ghall-Qorti biex tirrizolvi l-kwezit odjern, jinghad ukoll li l-Qorti hija a konoxxenza tal-principju li l-atti kemm jista' jkun ghandhom jigu salvati entro d-dettami tal-ligi peress li r-rigorozitajiet procedurali ma humiex ambaxxaturi tal-gustizzja sostanzjali u ghalhekk m'ghandhomx normalment janimaw l-andament tal-kawza u dan iktar u iktar meta llum fl-att tac-citazzjoni hemm dejjem il-formola ritwali "- premessi d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provedimenti opportuni - proprju sabiex jaghmlu tajjeb ghal kwalunkwe' esigenza ta' forma' li tkun necessarja biex l-att ikun komplit b'kull talba ghal kwalunkwe dikjarazzjoni[7].

Illi fl-eccezzjoni tieghu l-konvenut sostna li c-citazzjoni hija rrita u nulla minhabba kumulu ta' azzjonijiet konsistenti f'azzjoni possessorja bl-azzjoni odjerna u li permezz tal-mandat ta' inibizzjoni qeghdin jagixxu sabiex isostnu d-drittijiet taghhom ta' allegata proprjeta'.

Illi fil-kaz odjern l-atturi qeghdin jitolbu li jigi dikjarat (i) li l-art 'Ta' Kanalijiet' kif akkwistata minnhom permezz ta' kuntratt hija proprjeta' taghhom; (ii) li l-konvenut agixxa b'mod abbuziv meta dahal fil-proprjeta' taghhom u bena hajt tas-sejjieh fuqha minghajr ebda awtorizzazzjoni minnhom bhala sidien tal-proprjeta'; (iii) tikkundanna lill-istat konvenut sabiex jirripristina l-art fl-istat originali taghha u (iv) fin-nuqqas tawtorizzahom inehhu l-bini u materjal abbuziv.

Illi ghalkemm f'zewg premessi l-atturi jghidu li din l-art kienet ilha snin twal fil-pussess tal-aventi kawza taghhom

---

[7] **Mary Cosaitis vs Mario Muscat** deciza mill-Qorti ta' l-Appell Kummercjali fis-27 ta' Novembru 1990; **Manuel Schembri vs France Cutajar,** Cit Nru: 479/95RCP deciza fit-30 ta' Jannar, 2001

u li minn mindu xtrawha huma dejjem ippussessaw l-art bhala sidien u hadd ma fixkilhom f'din it-tgawdija, minn qari tar-rikors guramentat u mill-istess talbiet jirrizulta li l-iskop ta' l-azzjoni huwa li l-art mertu tal-vertenza odjerna tigi dikjarata li hija proprjeta' ta' l-atturi. Il-fatt li huma talbu r-ripristinar ma taghmilx din il-kawza awtomatikament bhala wahda possessorja. Infatti jekk it-tezi attrici tintlaqa' l-konsegwenza naturali trid tkun li l-konvenut ma setax jidhol f'dik il-proprjeta' u jibni hajt u kwindi jkun irid inehhi li bena jew fin-nuqqas inehhu l-istess sidien. Kwindi l-Qorti mhiex qeghda tirraviza l-kumulu ta' azzjoni possessorja ma' wahda petitorja.

Oltre' dan meta tigi eccepita n-nullita' tar-rikors guramentat il-qorti tifhem li dik in-nullita' trid tolqot dak l-att innifsu u mhux b'referenza ghal xi azzjoni ohra li ttiehdet precedentement. Semmai il-fatt li l-mandat ta' inibizzjoni huwa msejjes fuq il-petitorju u l-azzjoni odjerna, *dato ma non concesso,* hija msejsa fuq il-possessorju r-rizultat mhux li r-rikors guramentat huwa null izda jista' jaghti lok li jittiehdu proceduri ohra sabiex il-mandat ta' inibizzjoni ma jibqax fis-sehh.

Infatti referenza ssir hawnhekk ghall-artikolu 789 tal-Kap 12 li huwa l-artikolu li jirregola l-materja ta' nullita' ta' atti gudizzjarji.

*'L-eccezzjoni ta' nullità tal-atti gudizzjarji tista' tinghata -*

*(a) jekk in-nullità hija ddikjarata mil-ligi espressament;*
*(b) jekk l-att jinhareg minn qorti mhux kompetenti;*
*(c) jekk fl-att ikun hemm vjolazzjoni tal-forma mehtiega mil-ligi, ukoll jekk mhux taht piena ta' nullità, kemm-il darba dik il-vjolazzjoni tkun giebet, lill-parti li titlob in-nullità, pregudizzju illi ma jistax jissewwa xort'ohra hlief billi l-att jigi annullat;*
*(d) jekk l-att ikun nieqes minn xi partikolarità essenzjali espressament mehtieġa mil-ligi:*
*Izda dik l-eccezzjoni ta' nullità kif mahsuba fil-paragrafi (a), (c), u (d) ma tkunx tista' tinghata jekk dak in-nuqqas jew vjolazzjoni jkunu jistghu jissewwew taht kull disposizzjoni ohra tal-ligi.'*

Illi l-paragrafi (a) u (b) mhumiex relevanti ghal dan il-kaz. Il-paragrafi (c) u (d) jirreferu ghal difett li jkun fl-att gudizzjarju nnifsu li f'dan il-kaz huwa r-rikors guramentat innifsu. Illi ghar-rigward tal-paragrafi l-ohra ssir referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **Dottor Henry Vassallo vs Onor. Prim Ministru et**[8] fejn inghad:-

*"Illi kif inghad f'ghadd ta' decizjonijiet tal-Qrati taghna, id-distinzjoni bejn nullita' mtellgha taht il-paragrafu (c) u dik taht il-paragrafu (d) tas-sub-artikolu (1) tal-artikolu 789, tikkonsisti fil-fatt li f'tat-tieni, l-att gudizzjarju jkun milqut min-nuqqas ta' partikolarita' essenzjali mehtiega mil-ligi, u mhux "semplici" ksur ta' forma preskritta (**"Carmelo Galea vs Pawlu Cuschieri"** – P.A. (C.S) 4 ta' Novembru 1988)".*

*"Illi, mal-medda tas-snin, issawret it-tejorija maghrufa bhala "tal-ekwipollenti" li nisslet il-principju li m'hijiex mehtiega l-ebda ghamla tassativa ta' forma ghall-proposizzjoni ta' azzjoni (**"M. Muscat nomine vs Dr. J. Cassar et nomine" –** P.A. 9 ta' Marzu 1965 – XLIX.ii.809) b'mod li citazzjoni ghandha titwaqqa' biss ghal ragunijiet gravi (**"R. Merola proprio et vs S. Caruso"** – A.C. 20 ta' Frar 1935 – XXIX.i.106)".*

*"Illi jinghad ukoll li fil-kaz ta' nullita' fejn hemm ksur ta' forma mehtiega, il-ligi tipprovdi (artikolu 789 (1) (c)) li din l-eccezzjoni tintlaqa' fejn, ghalkemm il-ksur ma jkunx taht piena ta' nullita', ikun gab lill-parti li resqet l-eccezzjoni pregudizzju li ma jistax jitnehha jekk mhux billi l-att jigi annullat".*

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tichad l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut.

Bl-ispejjez ta' dan l-incident a karigu ta' l-istess konvenut.

---

[8] Rik Nru: 6/01JRM deciza fid-9 ta' Ottubru, 2001

**< Sentenza In Parte >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------